MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Numru 523/2001

Il- Pulizija
(Spettur Stephen Micallef)

-vs-

Anton Vassallo

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Anton Vassallo ta' 26 sena bin Carmelo u Rose Mariwe nee' Pullicino, imwieled Pieta' fit- 23 ta' Settembru 1978 u residenti "St. Joseph House", Felice Street, Zabbar ID Card No. 495978M.

Akkuzat talli matul il- lejl tat- 22 ta' Marzu 2000 f' dawn il- gzejjer ikkomettea serq ta' roti ta' karozza bin-numru tar- registrazzjoni LAM787 kif ukoll apparat Hi-Fi ghad- detriment tas- sid George John Briffa, liema serq li jeccedi il- Lm100 izda mhux il- Lm500, hu kkwalifikat bl-

ammont, hin, mezz u x- xorta tal- haga misruqa. Akkuzat ukoll talli fl- istess jum u hin f’ dawn il- gzejjer volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ vettura LAM 787 liema hsara ma teccedix il- Lm50. Akkuzat ukoll talli xjentement kelleu fil-pussess tieghu affarjiet misruqa jew akkwistati b’ reat kif ukoll li ndahal biex ibieghhom jew imexxihom. Akkuzat ukoll talli sar ricediv b’ sentenzi mghotija lilu mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. C. Scerri Herrera LLD fit- 18 ta’ Ottubru 1999, liema sentenza saret definittiva kif ukoll talli kiser il- kundizzjoni tas- sentenza ta’ prigunerija sospiza ghal sentejn moghtija lilu fl- 1 ta’ Frar 2000 mill-Magistat Dr. N. Cuschieri LLD.

Rat in- nota ta’ l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat li l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l- Qorti fissritlu xi tfisser ammisjoni u taghtu zmien jerga jahsibha.

Issibu hati.

Rat l- art 261, 263, 267, 270, 271, 325C, 49, 50 tal-Kap 9.

Issibu hati tar- reati taht dawn l- artikli u mhux hati ta’ l- akkuza ta’ ricettazzjoni.

Rat ukoll l- art 22 tal- Kap 446, stante l- akkuzat radd lura li ha u ghamel tajjeb ghall- hsara, li ser tapplikah.

Ghalhekk filwaqt li ssib lil akkuzat hati tilliberah taht il- provedimenti ta’ l- art 22 tal- Kap. 446 b’ dan li ma

jaghmilx reat iehor fi zmien 3 snin m’ illum. Il- Qorti qed tfisser bi kliem car l- import ta’ din is- sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------